

Brussell, 24 ta' Frar 2023
(OR. en)

6660/23

JAI 188
IXIM 31
SIRIS 21
COMIX 92

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Dħul fis-seħħ tas-SIS imsaħħa

SIS ġdida għal era ġdida

Fis-7 ta' Marzu 2023, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) tissaħħaħ b'funzjonalitajiet ġodda. Filwaqt li jibni fuq l-esperjenza miksuba matul is-snin ta' operat, qafas legali ġdid¹ ser jiżgura li fis-snin li ġejjin is-SIS tkompli tindirizza b'mod effettiv il-forom differenti ta' kriminalità serja, it-terroriżmu u l-isfidi tal-migrazzjoni li qed jinbidlu.

Is-SIS hija l-aktar sistema importanti ta' skambju ta' informazzjoni għas-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni, użata minn miljun ta' utenti fil-ħidma tagħhom ta' kuljum². Hija tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, lill-awtoritajiet tal-fruntieri u lill-aġenziji tal-UE jikkondividu l-informazzjoni fil-ħin u tappoġġa l-kooperazzjoni operazzjonali, filwaqt li tiżgura livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, kif ukoll tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-migrazzjoni.

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1860, 2018/1861 u 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali; dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri; u dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1, p. 14, p. 56).

² Is-SIS fiha allerti dwar aktar minn miljun persuna li huma mfittxija għal raġunijiet differenti jew li huma soġġetti għal rifjut ta' dħul u soġġorn fiż-żona Schengen. Barra minn hekk, is-sistema fiha allerti dwar aktar minn 86 miljun oġġett mitluf jew misruq. Fl-2022 biss, l-awtoritajiet kompetenti kkonsultaw is-SIS kważi 35 miljun darba kuljum. Kien hemm 263 452 hit dwar allerti barranin, li l-maġġoranza tagħhom kienu dwar persuni li ġew identifikati.

Is-SIS il-ġdida timmassimizza l-effettività tagħha b'aktar kategoriji ta' data, inkluż data bijometrika, u tipi ġodda ta' allerti. Hija tindirizza l-lakuni potenzjali u ttipprovdi aċċess għal għadd akbar ta' awtoritajiet nazzjonali u aġenziji tal-UE.

Titjib skont il-qasam ta' politika

Fil-qasam tal-**kooperazzjoni tal-pulizija** għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali (u l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali), is-SIS il-ġdida ttipprovdi sett ta' għodod imsaħħaħ għall-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali.

Pereżempju, għall-ewwel darba, is-SIS fiha informazzjoni bijometrika mhux marbuta ma' individwi magħrufa, li tgħin biex jiġu identifikati l-awturi ta' reati. Il-marki tas-swaba' jew il-marki tal-pala tal-id skoperti fuq il-post ta' reati kriminali serji jew reati terroristiċi ser jiddaħħlu fis-SIS fil-forma ta' allerti ġodda dwar persuni suspettati jew imfittxija mhux magħrufa.

Barra minn hekk, għall-ewwel darba ġew inklużi profili tad-DNA biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni ta' persuni neqsin f'każijiet meta data tal-marki tas-swaba', ritratti jew immaġnijiet tal-wieċ ma jkunux disponibbli jew ma jkunux adatti għall-identifikazzjoni.

Allerti ġodda maħruġa għall-iskop ta' verifiki ta' investigazzjoni jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jiġbru informazzjoni rilevanti, sabiex jgħinuhom fl-investigazzjonijiet tagħhom li jkunu għaddejjin.

Il-possibbiltajiet li jiddaħħlu tipi ġodda ta' oġġetti u numri aktar identifikabbli dwar oġġetti misruqa jtejbju l-possibbiltà ta' identifikazzjoni u li jingħataw lura lis-sidien legali.

Żvilupp importanti ieħor huwa li l-**awtoritajiet nazzjonali tal-migrazzjoni** jiksibu aċċess sħiħ għas-SIS, u b'hekk dan jikkontribwixxi għal kontroll effettiv fuq il-fruntieri, il-faċilitazzjoni ta' qsim leġittimu tal-fruntieri u, fejn adegwat, miżuri biex tiġi miġġielda b'mod effiċjenti l-kriminalità transkonfinali fil-fruntieri esterni, b'mod partikolari l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar ta' bnedmin, u t-terroriżmu.

L-introduzzjoni ta' tip ġdid ta' allert dwar deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa lil ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali hija mistennija li ttipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tad-deċiżjonijiet ta' ritorn kollha maħruġa fiż-żona Schengen.

Is-SIS ġdida għandha wkoll l-għan li **tipproteġi persuni vulnerabbli** li jeħtieġ li ma jitħallewx jivvjaġġaw. Allerti preventivi ġodda jgħinu biex jiġu identifikati tfal f'riskju ta' ħtif mill-ġenituri, persuni f'riskju ta' forom differenti ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, jew li jkunu involuti f'reati terroristiċi jew imdahlha fi gruppi armati.

Drittijiet ta' aċċess usa' jingħataw ukoll lil **awtoritajiet nazzjonali oħra** (eż. awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, viżi għal soġġorn twil, naturalizzazzjoni, servizzi ta' reġistrazzjoni ta' dgħajjes, ingeni tal-ajru jew armi tan-nar).

Barra minn hekk, diversi aġenziji tal-UE ser ikollhom aċċess usa' għas-SIS biex ikunu jistgħu jwettqu l-mandati estiżi tagħhom.

Il-**Europol** għandha aċċess sħiħ għall-kategoriji kollha ta' data fis-SIS, li jippermetti lill-aġenzija tappoġġa aktar lill-Istati Membri. Meta persuna tkun imfittxija fir-rigward ta' reat terroristiku, l-awtoritajiet nazzjonali jinfurmaw lill-Europol bi kwalunkwe hit, biex iċ-Ċentru Operazzjonali tal-Europol ikun jista' jivverifika jekk hemmx xi informazzjoni kurrentwali addizzjonali disponibbli fil-bażijiet ta' data tal-Europol. Barra minn hekk, il-Europol tkompli tikkondividi informazzjoni supplimentari mal-Istati Membri permezz tal-Uffiċċji SIRENE.

Bl-istess mod, it-timijiet tal-**Frontex** ser ikollhom aċċess sħiħ għall-kategoriji kollha ta' data fis-SIS u l-**Eurojust** ser ikollha aċċess estiż għal allerti ġodda dwar persuni mfittxija mhux magħrufa.

Sfidi u opportunitajiet

Tibda fażi ġdida għas-SIS u qed jitħejjew aktar żviluppi u titjib. Fi żmien ftit snin, is-SIS ser tinkorpora tip ġdid ta' allert ta' informazzjoni biex tiġi rreġistrata informazzjoni pprovduta minn partijiet terzi dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Is-SIS hija l-ewwel pedament tal-proġett għall-Interoperabbiltà ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. F'dan ir-rigward, huwa ta' importanza vitali li l-bijometrija (data dattiloskopika, DNA, immaġnijiet tal-wiċċ) tkompli tiddaħħal fis-SIS u tiżdied biex jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-integrazzjoni tagħha mal-komponenti tal-Interoperabbiltà.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni usa' tas-SIS imsaħħa, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati għadd ta' sfidi fid-dawl tal-implimentazzjoni bla xkiel tagħha.

L-ewwel nett, jenħtieġ li tkompli l-ħidma wara s-7 ta' Marzu 2023 biex jiġu sfruttati bis-sħiħ il-possibbiltajiet il-ġodda li ġabet magħha s-SIS. Il-bidu tal-operazzjonijiet mhuwiex eżentat minn problemi tekniċi irrispettivament mill-ittestjar estensiv imwettaq fil-livelli ċentrali u nazzjonali. Għaldaqstant, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-eu-LISA qed jiġu mfakkra biex jibqgħu vigilianti matul l-ewwel fażi tat-tnedija tagħha. Dan ser jiġi segwit minn irfinar gradwali tal-proċessi operazzjonali fil-kuntest tat-titjib kontinwu tal-għodda.

It-tieni nett, l-implimentazzjoni ta' wħud mit-tipi ġodda ta' allerti (verifiki ta' investigazzjoni, allerti preventivi) kienet ta' sfida minħabba li ġew osservati differenzi konsiderevoli fil-livell nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jespjoraw modi biex jiżviluppaw aktar approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-qafas legali l-ġdid filwaqt li jikkonformaw mal-liġijiet nazzjonali tagħhom. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li tkompli l-koordinazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-adattament eventwali tal-leġiżlazzjoni sekondarja u tar-riżultati ewlenin (il-manwal tas-SIS, il-manwal SIRENE).

It-tielet, it-tnedija tas-SIS imsaħħa timplika żieda fl-ammont ta' xogħol fl-Uffiċċji SIRENE kollha, li x'aktarx ser jiġi intensifikat bit-tnedija tal-EES, l-ETIAS u l-Interoperabbiltà. Iż-żieda fl-ammont ta' xogħol għandha tikkorrispondi ma' riżorsi finanzjarji u umani adegwati. Peress li s-SIS il-ġdida hija assi ġenwin, l-investimenti fl-Uffiċċji SIRENE jagħtu benefiċċji tanġibbli.

B'kont meħud tal-gwadanji mistennija li jirriżultaw mis-SIS imsaħħa, il-Presidenza tappoġġa lill-eu-LISA, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jiżguraw implimentazzjoni bla xkiel u użu progressiv tal-karatteristiċi l-ġodda kollha. Il-Presidenza tissottolinja l-importanza li jinżamm approċċ ambizzjuż sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u mal-aġenziji tal-UE biex fl-aħħar mill-aħħar jiġi ppreservat l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.